# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**vs**

**John Grima**

**Kumpilazzjoni Numru: 239/19**

**Illum, il-hdax (11) ta' Marzu, 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **John Grima** detentur tal-karta tal-identità b'numru 125473M li gie akkuzat talli nhar it-tnax (12) ta'

April 2019 bejn il-hamsa u nofs ta' filghodu (05:30hrs) u s-sitta ta' filghodu (06:00hrs) gewwa il-Gzejjer Maltin:-

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Ivan Pavlovikj, jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u aggravat jew motivat fuq bazi ta' generu, identità tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, nazzjonalità jew origini etnika, cittadinanza, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra;

   **(Art 41, 211, 222A Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

2. Bil-hsieb li jaghmel delitt, cioe' talli dolozament, bil-hsieb li jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ivan Pavlovikj, jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u aggravat jew motivat fuq bazi ta' generu, identità tal-generu, orjentazzjoni

sesswali, razza, kulur, lingwa, nazzjonalità jew origini etnika, cittadinanza, religjoni jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra

**(Art.41, 214, 215, 216, 218 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

3. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq PC 906 Elio Gatt;

   **(Art 226 (1)(c) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

4. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizzi pubbliku, cioe' lil PS 345 Mark Cremona, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzawhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

   **(Art 95 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);**

5. Saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura ta' ghamla Citroen bi numru ta' registrazzjoni KQZ-565 fi triq

jew f'post pubbliku iehor meta kien ikkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fi nifs, fi demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

**(Arti 15B (1) Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta)**

6. Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra minghajr licenzja tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura ohra ta' ghamla Citroen bi numru ta' registrazzjoni KQZ 565 li ma jkollhiex licenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz;

**(Art.15 (1)(a) Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta)**

7. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq, jew jaghmel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu ghad-detriment tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan;

**(Art. 328 (d) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);**

8. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita jew ta' min ikun inkarigat minn servizzi pubbliku, jew ma hallijomx jew

fixkilhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu id-dmirijiet taghhom;

**(Art. 338 (ee) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);**

9. Kiser il-bon ordni b'ghajjat u glied;

   **(Art. 338 (dd), Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);**

10. F'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra;

    **(Art 338 (ff) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);**

F'kaz ta' htija fuq il-piena ghar-reat kontra l-Artikolu 226 (1)(c), jekk din il-Qorti tidrilha xieraq tapplika l-Artikolu 28H ghal-fini ta' kumpens fil-konfront ta' PC 906 Elio Gatt.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta lil John Grima bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru 2022 fejn biha elenka dawk l-Artikoli li dwarhom qed jitlob li tinstab htija u cioè:

1. Artikoli 31, 41(1)(a), 214, 215, 218(1)(a)(b)(2) u 222A (2)(3)(4)(5)(6) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Artikolu 226 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' referenza ghall-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Artikoli 95 u 99A (1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Artikoli 15B (1), 15E (1)(a)(b)(5) u 15H (1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Artikolu 15 (1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Artikolu 328 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Artikoli 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Artikoli 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Artikoli 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. Artikoli 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Artikoli 7, 8, 11, 12, 13, 14, 15, 15A (1)(2), 17, 22, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti b'mod sommarju wara li nqraw lilu l-Artikoli tal-Ligi;

Semghet ix-xhieda kollha;

IKKUNSIDRAT:

Illi semghet ix-xhieda tal-Ispettur Leeroy Balzan Engerer li pprezenta u esebixxa l-fedina penali tal-imputat, certifikat tat-twelid tal-imputat, NPS Report u stqarrija tal-istess imputat. Oltre minn hekk jikkonferma s-sentenzi prezentati a fol. 207 tal-atti processwali.

Xehed PS 850 Stephen Micallef li jghid li nhar it-tnax (12) ta' April tas-sena 2019 kien xoghol gewwa l-Ghassa ta' San Giljan meta fil-hamsa u nofs ta' filghodu gew lura PC 680 u PC 906 bl-imputat

taht arrest. Jghid li dawn qalulu li kienu gewwa Triq San Gorg, ftit 'il fuq mill-istabbiliment bl-isem ta' Footloose meta kien hemm karozza wieqfa fin-nofs. Jghid li huma teptpu d-dwal tal-karozza taghhom sabiex tali vettura timxi meta f'daqqa wahda l-istess vettura saqet b'velocità qawwija lejn fejn kien hemm in-nies quddiem l-istabbiliment ta' Havana.

Jixhed ukoll li eventwalment giet terza persuna li rraporta mieghu li l-imputat saq fuqu u dan wara li l-istess terza persuna kellu argument mal-imputat. Jispjega li l-imputat kien fi stat ta' sakra u kien agitat hafna. Jixhed li fil-fatt l-istess John Grima kien qieghed ikun difficli biex jikkopera b'hekk inghata d-drittijiet tieghu u wettaq test tal-breathalyser fuq l-imputat. Jghid ukoll li waqt li kien qieghed jaghti lill-imputat id-drittijiet tieghu, l-istess imputat kien qieghed jghidlu li ser joqtol lil *"dak il-barrani"* u dan b'mod ripetut. Ikompli jixhed li jaf li PC 906 wegga' mhux ghax l-imputat hebb ghalih izda stante li hu u jirriversja bil-vettura, l-imputat laqat lill-istess PC 906 waqt li l-bieba kienet miftuha.

Jikkonferma li l-ircevuta tal-breathalyser mahruga fit-tnax (12) ta' April 2019 inharget minnu u jikkonferma wkoll li tali test irrizulta

fic-cifra ta' 104.7 mikrogrammi. Tali rcevuta giet prezentata bhala Dok. SM1. Jikkonferma wkoll li hu ma kienx fuq il-post fejn sehh l-allegat reat. Jixhed ukoll li l-parte civile kien qallu li hu jahdem go klabb bl-isem ta' Club Class u li kien hemm argument fejn l-imputat kien involut. Jixhed li l-parte civile ma kellux feriti mentri l-feriti li ssubbixxa PC 906 gew ikklassifikati ta' natura hafifa. Jikkonferma li l-parte civile qallu li l-imputat kien ser jghaddi minn fuqu hekk kif hu kien miexi minn wara bollards tal-hadid.

Xehed <u>**PC 906 Elio Joseph Gatt**</u> li fit-tnax (12) ta' April 2019 fil-hamsa u nofs ta' filghodu, hu u l-kollega tieghu PC 680 kienu fuq ronda gewwa San Giljan meta rcevew rapport dwar karozza gewwa Triq San Gorg ipparkjata faccata tal-istabbiliment Footloose. Tali vettura kienet qieghda tibblokka t-triq u ma setghux isuqu. Wara ftit il-vettura misjuqa mill-imputat beda jsuq meta f'daqqa wahda saq b'velocità eccessiva ghal fuq persuna miexja fit-triq. Jixhed li l-vettura spiccat tahbat go bollards tal-hadid u li dan sehh faccata tal-istabbiliment Havana. Jixhed li hu u l-kollega tieghu waqqfu lill-imputat milli jahrab u anke arrestawh u dan wara li nghatawlu d-drittijiet tieghu. Ikompli jixhed li wara li ccekkja jekk il-parte civile kienx fi stat tajjeb, innota li kellu d-demm fuq in-naha x-

xellugija ta' mohhu u dan stante li gie milqut mill-bieba tal-vettura misjuq mill-imputat. Jghid li waqt li kien arrestat, l-imputat kien qieghed jirrepeti li xtaq joqtol lill-barranin kollha. Jixhed ukoll li hu mar jimmedika ruhu fejn inhareg certifikat mediku mmarkat bhala Dok. EG1.

Xehed il-parte civile <u>Ivan Pavlovikj</u> li jghid li hu jahdem gewwa Club Class li huwa stabbiliment gewwa Paceville. Jispjega li gieli jahdem fil-kcina jew inkella bhala security. Jixhed li fit-tnax (12) ta' April tas-sena 2019 kien fil-kcina u kien spicca xoghol fil-hamsa u kwart ta' filghodu. Jghid li hu u miexi barra ra karozza pparkjata fuq in-naha tax-xellug quddiem l-istabbiliment Stiletto. Jghid li s-sewwieq kien l-imputat. Ikompli jghid li f'salt wiehed sema' l-hoss tal-magna tal-karozza u kif dar ra l-istess imputat isuq il-vettura lejh. Jixhed li hu kien dahru mal-hajt meta l-karozza habtet gol-bollards li kienu quddiemu. Jispecifika li tali hajt kien oppost dak tal-istabbiliment Havana.

Ikompli jixhed li dak il-hin l-imputat gie arrestat u waqt dan kollu wegga' wiehed mill-Pulizija li mar iwettaq l-arrest. Jispjega li dak il-lejl li kien qieghed jahdem gewwa Club Class hu ma kellux

argumenti diretti mal-imputat. Jghid però li l-bartender, u cioè Dragan Vuic, kellu dizgwit mal-imputat stante li l-istess imputat kien qieghed ikun aggressiv u nghata twissija sabiex jikkalma. Il-bartender fil-fatt kien qallu biex jikkalma nkella jkollu jitlaq. Fil-fatt jixhed li l-imputat kellu jitlaq mill-istess stabbiliment.

Jixhed li hu nzerta jaf lill-imputat stante li kien wasslu lura d-dar bit-taxi xi darbtejn. Jghid li l-kumpanija li kien cempel sabiex jghajjat taxi kienet dik tal-E-Cabs. Jixhed ukoll li f'dawk id-darbtejn hu qatt ma kellu xi tip ta' dizgwid mal-imputat. Fil-fatt jispjega li l-imputat kien wettaq xoghlu sew u li meta kien fit-taxi mieghu huma qatt ma kellmu lil xulxin.

Xehed <u>PC 680 Stefan Cauchi</u> li jghid li fit-tnax (12) ta' April tas-sena 2019 fil-hamsa u nofs ta' filghodu kien sejjer ronda ma' PC 906 f'San Giljan meta gew mghajta sabiex imorru fuq rapport. Jixhed li gewwa Triq San Gorg kien hemm vettura misjuq mill-imputat li kienet qieghda timblokka t-triq u wara li ghamlu sinjal lill-istess imputat dan beda jsuq. F'daqqa wahda l-imputat saq b'mod eccessiv u pprova jtajjar persuna li kienet miexja quddiem l-istabbiliment Havana. Jixhed li l-karozza spiccat tahbat go

bollards. Jghid li kien car u ovvju li l-imputat ried jolqot lill-parte civile. Jixhed ukoll li wara li l-imputat habat gol-bollards, hu u l-kollega tieghu blokkaw it-triq bil-karozza tas-servizz sabiex jassiguraw ruhhom li l-imputat ma jahrabx. Jghid li waqt li kien qieghed jarresta lill-imputat, l-istess imputat beda jghid li ried joqtol lill-barranin kollha.

Xehed <u>PS 345 Mark Cremona</u> li xehed u spjega li fit-tnax (12) ta' April tas-sena 2019 gie arrestat persuna fil-hamsa u nofs ta' filghodu li kien involut f'incident gewwa Triq San Gorg, San Giljan. Jghid li hu kien l-ghassa ta' San Giljan meta f'hin minnhom sema' l-istorbju gej mill-bitha. Jghid li hu mar ikellem lill-akkuzat u l-istess akkuzat ghajru bi kliem dispreggjattiv.

Xehdet <u>Vanessa Camilleri</u> li tghid li l-vettura bin-numru KQZ-565 hija karozza tal-ghamla Citroen C1 ta' lewn iswed registrata fuq certu Christian Borg bin-numru tal-identità 315493M. Tghid li l-licenzja hija valida sal-ahhar ta' Novembru tas-sena 2019 u li jidhru li hemm numru ta' citazzjonijiet fuq l-istess vettura. Ipprezentat dokument immarkat Dok. VC1 li jikkontjeni rendikont ta' licenzji attivi f'isem l-imputat.

Rega' xehed <u>l-Ispettur Leeroy Balzan Engerer</u> li pprezenta filmat ta' nhar it-tnax (12) ta' April tas-sena 2019 immarkat bhala Dok. LBE1.

Xehed <u>Dr Marcel Schembri</u> li jghid li fit-tnax (12) ta' April tas-sena 2019 hu kien ra lil PC 906 Elio Gatt fis-sitta ta' filghodu gewwa l-Floriana Health Centre. Jikkonferma li l-istess PC 906 Elio Gatt kellu ferita *contused* fuq in-naha tax-xellug fuq mohhu. Jghid li hu kien ikklassifika l-ferita bhala wahda hafifa u li qatt ma rega' ltaqa ma' PC 906 Elio Gatt minn dakinhar 'l hawn.

Xehed <u>Keith Cutajar</u> li pprezenta rapport u CD immarkati bhala Dok. KC1.

Xehed <u>PC 304 Liam O'Neill</u> li jghid li fl-istqarrija a fol. sittax (16) tal-atti processwali hemm indikat isem l-avukat difensur tal-imputat minflok l-isem tal-imputat stante li inzertaw ghandhom l-istess kunjom.

Xehdet <u>id-Deputat Registratur Benjamina Mifsud</u> li tghid li l-imputat m'ghandux appelli pendenti u dan skont dokument ipprezentat bhala Dok. BM1.

Xehdet <u>Stefania Calafato Testa</u> li pprezentat sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat moghtija fit-tnax (12) ta' Marzu 2019. Tixhed li l-multa abbinata ma' din is-sentenza ghadha ma gietx imhallsa.

Xehed <u>l-Ispettur Brian Xuereb</u> li jghid li l-Kunsill Lokali ta' San Giljan infurmawh tramite e-mail li huma ma jafux bil-kaz odjern. Tali e-mail giet pprezentata u mmarkata bhala Dok. BXX.

Rega' xehed il-parte civile <u>Ivan Pavlovikj</u> riprodott mill-prosekuzzjoni li pprezenta kopja ta' passaport, kopja ta' permess ta' residenza u kopja tal-karta tal-identità tal-Macedonja.

Xehdet <u>Michelle Fenech</u> inrapprezentanza tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan li tghid li dwar l-allegat reat il-Kunsill Lokali m'ghandux informazzjoni u li l-istess Kunsill m'ghandux kontijiet pendenti.

## <u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid*

*il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija*

*vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case*

*is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

## Ikkunsidrat

Illi jibda biex jinghad illi l-prova l-aktar tangibbli li setghet turi d-dinamika tal-incident u cioè l-filmat esebit a fol. 134 tal-atti processwali, ma jurix il-mument li sehh tali allegati reati. Illi ghaldaqstant il-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh fuq dak li xehdu l-ufficjali tal-pulizija li raw l-incident kif ukoll dik tal-parte civile.

Illi ghandu jinghad ukoll illi l-imputat ghandu addebitat lilu apparti r-reati tal-attentat tal-offiza gravi, dik motivata minn mibgheda razzjali u ghalhekk dak li xehdu l-ufficjali tal-pulizija kif ukoll l-atteggjament tal-imputat appena gie arrestat u mbaghad wara li gie mehud l-ghassa tal-pulizija huma fatturi importanti hafna.

## Is-Sokor

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi l-imputat dakinhar tal-incident kien fi stat ta' sokor u kwindi li hu kkommetta tali reati waqt dan

l-istat ta' fatt. Ghalhekk huwa d-dover ta' din il-Qorti li minkejja d-difiza tas-sokor hekk sancit mill-Artikolu 34 tal-Kodici Civili ma tqajmitx mid-difiza, xorta sejra tanalizza tali difiza.

Il-Kodici Kriminali jghid hekk:

*"(1) Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu, is-sokor ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali.*

*(2) Is-sokor jista' jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali kemm-il darba -*

*(a) minħabba f'hekk il-persuna akkużata, fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas in kwistjoni, ma kenitx kapaċi li tifhemjew li jkollha volontà u kienet tinsab fi stat ta' sokor bla ma riedet hija, bl-eghmil doluz jew negligenti ta' persuna ohra; jew*

*(b) il-persuna akkuzata, minhabba s-sokor, kienet fi stat ta' genn, temporanjament jew xort' ohra, fil-waqt ta' dak l-att jew ta' dak in-nuqqas.*

Illi fin-noti tieghu **l-Professur Mamo** jghid hekk rigward is-sokor:

*"The first rule is that ordinarily intoxication does not excuse the commission of any criminal offence. An offender under the influence of intoxication derives no benefit from a disability voluntarily contracted and is regarded as equally answerable to the law as if he had been sober at the time.*

*The justification for this rule is that law cannot allow any wrong act (i.e., the drunkenness) to be an excuse for another (i.e., the offence). Hence - as Kenny says (op. cit., p. 60) the gross negligence which has caused the fatal collision is punishable not only in a sober driver but also in a drunken one. And, if a man, when excited by liquor, stabs the old friend whom he never quarrelled with when sober, or steals the picture which never attracted him before, it is no defence to say that "it was the drink that did it".*

*...*

*Our law has not imposed any such aggravation. But the general rule remains that intoxication is no excuse for crime. This rule is, however, subject to the following exceptions*

a. *Intoxication does afford a complete defence when it is purely 'accidental', i.e., caused without the consent of the accused by the malicious or negligent act of another person, provided that, by reason of such intoxication, the accused, at the time of the act or omission complained of, was incapable of understanding and volition. Thus, for instance, if a man, through the unskilfulness of the physician, or the contrivance or fraud of a third party, or through a mischievous joke practised upon him, is, without his consent, made so drunk as to be incapable of distinguishing right from wrong or to appreciate the nature and the quality of his act or to know what he is doing, he will not be liable to be punished for any offence committed by him under the influence of such intoxication.*

*...*

*b. The second exception which our law makes to the rule that intoxication is not an excuse, is where at the time of committing the act or making the omission, the accused was, by reason of such intoxication insane, temporarily or otherwise, to such an extent as to be incapable of knowing that such act or omission was wrong or of knowing what he was doing. Thus, it is not every mental aberration or derangement induced by drink that excludes responsibility, but only mental derangement of the degree and intensity required by law as is the case with any other form of insanity.*

*...*

*c. In the third place the said section 35 provides that intoxication must be taken into account for the purposes of determining whether the accused had formed any intent, whether specific or otherwise, in the absence of which he would not be guilty of the offence.*

*We have already seen that all wilful crime generally and, exceptionally, certain contraventions, require the concurrence of a wrongful intent and that some particular crimes require a specific intent. Now intoxication which so obscures the mind as to render the person incapable of forming the requisite specific or generic intent or which shows that he did not in fact form such intent, is a defence to the offence charged: it affords a defence for the 'actus reus' by being evidence that no guilty state of mind existed.* ***The more complex the intent required by the definition of the particular offence, the more likely is drunkenness to be useful in disproving the presence of some element requisite to it."*** **(emfazi tal-Qorti)**

Illi oltre minn hekk ampja referenza qieghda ssir ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat** (AK Sup deciz 8/06/2006):

*"... wahda mill-eccezzjonijiet meta wiehed jista' jinvoka l-intossikazzjoni bhala difiza huwa jekk l- intossikazzjoni*

*twassal ghal stat ta' genn. B'genn hawn hekk wiehed jifhem marda tal-mohh – jigifieri patologija dovuta direttament ghal intossikazzjoni li ggib fix-xejn f'dak li jkun jew il-kapacita` tieghu li jaghraf jew il-kapacita` tieghu li jrid ... jew wahda jew l-ohra. Jekk iggib fix-xejn jew il-kapacita` tieghu li jaghraf jew il-kapacita` tieghu li jrid allura hemmekk jekk dik l-inkapacita` hija dovuta ghal marda tal-mohh – jigifieri marda li hija medikament accettata bhala marda tal-mohh – allura f'dak il-kaz ikollkom l-istat ta' genn.*

*Mela nerga' nirrepeti – b'genn wiehed jifhem marda tal-mohh, patologija, dovuta direttament ghal intossikazzjoni li ggib fix-xejn – fix-xejn – f'dak li jkun jew il-kapacita` tieghu li jaghraf jew il-kapacita` tieghu li jrid. B'genn hawn hekk mhux qed nitkellmu fi [recte: dwar] stat ta' konfuzjoni, sinjuri gurati, ta' tensjoni, ta' meta wiehed jghidlek qed niggennen bl-inkwiet li ghandi. Mhux dan li qed nifhmu hawn hekk stat ta' genn. Biex ikun hemm dan l-istat ta' genn dovut ghal intossikazzjoni jrid ikollok marda tal-mohh, jigifieri marda tal-mohh medikament*

*riskontrabbli kif nafu, jigifieri li fix-xjenza medika, fix-xjenza psikjatrika hija rikonoxxuta bhala marda tal-mohh – sewwa – fil- mument li dak li jkun ghamel l-att in kwistjoni, u li dik il-marda tal-mohh tkun influwenzat b'mod partikolari l- kapacita` ta' dak li jkun li jaghraf, ossija li jifhem, jew il-kapacita` tieghu li jrid – tkun gabet wahda jew ohra minn dawn il-kapacitajiet fix-xejn, innewtralizzathom."*

*U aktar 'il quddiem fl-indirizz:*

*"... fil-ligi mhux kull komportament abnormali, stramb jew bizzarr huwa ekwivalenti ghal genn.... B'genn fis- sens tal-ligi nifhmu li jrid ikun hemm marda tal-mohh u allura xi haga li fil-medicina hija maghrufa bhala marda tal-mohh, li ggib fix-xejn fil-bniedem jew il- kapacita` tieghu li jaghraf x'inhuwa jaghmel – dik li nsejhulha la capacita` di conoscere jew la capacita` di intendere – iggib fix-xejn fil-bniedem jew il-kapacita` tieghu li jaghraf x'inhuwa jaghmel jew – jew wahda jew l-ohra – iggib fix-xejn il-*

*kapacita` tieghu li jrid, cioe` ggib fix-xejn il-volonta`, dik li nsejhula la capacita` di volere.*

*X'nifhmu fil-ligi meta nghidu li persuna ma ghandhiex il-kapacita` li taghraf? Infissru li dik il-persuna ma kenitx taf x'inhija taghmel jew ma kenitx taf li dak li ghamlet hija haga hazina. Bl-Ingliz nghidu did not know the nature or the quality of the act, or did not know that it was wrong ....*

*Mela jekk intom tghidu li fil-mument ta' l-att Muscat kien affett minn marda tal-mohh, marda tal-mohh li hija rikonoxxuta fil-medicina jew psikjatrija, tridu taraw pero` wkoll jekk minhabba din il-marda tal- mohh hu ma kienx jaf x'inhuwa jaghmel jew ma kienx jaf li dak li qed jaghmel kienet xi haga hazina, ghax jekk minkejja li kellu marda tal-mohh hu kien jaf x'inhuwa jaghmel f'dak il-mument partikolari .... Jekk minkejja li l-akkuzat kien fi stat - kif issemma' hawn hekk - psikotiku, jekk minkejja dak l-istat psikotiku fil- mument li ghamel xi att partikolari u dak l-att huwa kontra l-ligi ... huwa kien jaf x'inhuwa jaghmel ... u kellu volonta` bizzejjed, jigifieri kien irid, dak li kien*

*qieghed jaghmel, allura minkejja li kien qieghed fi stat ta' psikozi allura ma hemmx il-genn fis-sens tal-ligi, sinjuri gurati ....*

*Jekk intom tkunu sodisfatti imqar fuq bazi ta' probabilita` li l-akkuzat kellu marda tal-mohh fil- mument li ghamel xi haga pero` tridu tkunu sodisfatti wkoll li dik il-marda tal-mohh gabet fix-xejn il- kapacita` tieghu li jaghraf jew li jrid - jekk gabet fix-xejn wahda minnhom bizzejjed - ikollok l-istat ta' genn, allura intom tiddikjarawh mhux hati minhabba stat ta' genn .... Allura araw jekk hawn hekk hawnx prova li hawn kien hawn marda rikonoxxuta medikament - issemmiet psikozi, araw intom x'qal Dr. Spiteri, pero` tridu tkunu sodisfatti wkoll imqar fuq bazi ta' probabilita` li l-akkuzat meta ghamel dak li ghamel dik il-marda tal-mohh kienet qieghda tippriva kompletament mill-kapacita` li jaghraf jew mill- kapacita` li jrid. F'dak il-kaz ikollok id-demenzja fis- sens tal-ligi - u qeghdin taraw li d-demenzja fis-sens tal-ligi hija differenti mid-demenzja kif jifhmuha t- tobba, kif jifhimha l-psikjatra - il-psikjatra ghalih huwa stat ta' fatt kliniku ... pero` wiehed*

*irid jara f'dak l- istant partikolari ta' l-att kenitx qed iggib fix-xejn il- kapacita ` ta' dak li jkun li jaghraf jew li jrid....*

*Jekk jirrizulta dan l-istat ta' genn anke jekk temporanju fil-mument tal-ghemil ta' xi reat, jigifieri marda tal-mohh li ggib fix-xejn il-kapacita ` tal- bniedem li jaghraf jew li jrid fis-sens kif spjegajtilkom, allura dak il-bniedem ma hux kriminalment responsabbli ta' dak li ghamel, u dan irrispettivament minn jekk dak li jkun hax ix-xorb jew id-droga volontarjament o meno - hawn hekk meta si tratta ta' genn, sinjuri gurati, il-ligi ma tiddistingwix bejn voluntary jew involuntary intoxication, ma taghmilx differenza." . . . .*

*Biex difiza taht l-artikolu 34(4) tal-Kodici Kriminali tirnexxi, irid jigi pruvat illi l-istat ta' intossikazzjoni ta' l-akkuzat kien tali li min ikkommetta r-reat ma setax jifforma l-intenzjoni rekwizita, specifika jew xort'ohra.*

*Din il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li "jekk inti ghandek il-memorja ta' xi haga dak normalment il-*

*bwon sens jghidlek li allura inti kont taf [x'ghamilt]" (sottolinear ta' din il-Qorti). Hija fil-fatt irreferiet ghall-ezempju klassiku tal-bniedem li jkun f'sakra mewt u li l-ghada ma jiftakar xejn minn dak li ghadda minghalih, u qalet: "Jekk minhabba l-intossikazzjoni persuna ma setghetx tifforma intenzjoni – mhux kien difficli ghaliha li tghid le, sinjuri gurati – ma setghetx tifforma intenzjoni, jigifieri l-kapacita` taghha li tifforma intenzjoni tkun giet, ingabet fix-xejn, zero, sewwa ... allura ma tistax tinstab hatja ta' reat doluz, jigifieri to a wilful offence, pero` ... tista' tinstab hatja ta' reat kolpuz, jigifieri ta' reat involontarju , to a negligent offence."*

*Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li biex stat ta' sokor jeskludi l-imputabilita`, is-sokor irid ikun ta' grad tali li jnehhi l-koxjenza jew il-volontarjeta` ta' l-att kostitwenti r-reat, u cioe` li fil-hin tar-reat l-akkuzat ma kienx jaf x'qed jaghmel jew ma kienx jaf li dak li kien qed jaghmel kien xi haga hazina. Skond din il-gurisprudenza wkoll il-fatt li akkuzat jiftakar dak li jkun gara, ez. fi stqarrija dettaljata lill-Pulizija, jikkostitwixxi*

*prova li huwa kien koxjenti ta' dak li kien qieghed jaghmel."*

## L-attentat tal-offiza volontarja fuq Ivan Pavlovikj

Illi kif digà gie ritenut in-nuqqas ta' evidenza awdjo viziv ma tghinx lil din il-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni facilment izda ser ikollha tistrieh fuq xhieda okulari kif ukoll fuq ix-xhieda moghtija mill-parte civile Ivan Pavlovikj.

Illi mix-xhieda moghtija mill-parte civile hareg bic-car li l-imputat kien qieghed isuq il-vettura direttament lejn il-parte civile b'mod veloci u li kieku l-parte civile ma nzertax li kien wara bollards tal-hadid, dan seta' spicca fil-periklu tal-mewt jekk mhux aghar. Dan gie kkonfermat ukoll mix-xhieda moghtija minn PC906 u PC680 li nzertaw kienu hemmhekk fuq xogholhom fejn jghidu illi meta dawn teptpu d-dawl tal-vettura taghhom biex l-imputat jersaq huwa beda miexi bil-galbu u f'daqqa wahda dar ghal fuq fejn kien il-parte civile u baqa' diehel gol-bollards. Illi din il-verzjoni hija konsistenti ma' dik moghtija mill-parte civile Ivan Pavlovikj. Inoltre' hareg ukoll illi aktar kmieni fil-lejla l-parte civile kien fl-istess waqt

meta l-imputat kellu argument ma' persuna tal-istess nazzjonalità u fejn kien stiednu sabiex jitlaq 'il barra mill-istabbiliment ghaliex kien xurban.

Illi ghalhekk l-attentat tal-offiza fuq il-persuna tal-parte civile gie sodisfatt f'dak li jistipula l-Kodici Kriminali fl-Artikolu 41(1)(a) u cioè:

> *"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dan il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel, meta jinsab hati, barra minn meta l-ligi tghid espressament xort'ohra, -*
>
> *a. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga* ***accidentali u indipendenti***[1] *mill-volontà tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi;"*

B'dan però illi gialadarba din il-Qorti ma hijiex konxja tal-eventwali griehi fuq il-parte civile li kieku ma kienx hemm xi haga

[1] Emfazi tal-Qorti

indipendenti mill-volontà tal-imputat ser tigi applikata d-dispozizzjoni tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 u mhux tal-Artikolu 218 u ghalhekk ser tigi applikata l-aktar provvediment favorevoli lill-imputat.

Illi però ghad jonqos jekk dan ir-reat kienx motivat fuq bazi ta' origini nazzjonali jew etnika. Din il-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 222A (3) tal-Kodici Kriminali:

*"Reat ikun aggravat jew motivat fuq bazi ta' generu, identità tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini nazzjonali jew etnika, età, dizabilità, cittadinanza, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra jekk:*

*(a)* ***fil-waqt li fih isir ir-reat, jew minnufih qabel l-ghemil tar-reat,***[2] *il-hati juri lejn il-vittma tar-reat ostilità, stmerrija jew disprezz li tkun ibbazata fuq il-fatt li l-vittma tkun tappartjeni (jew prezunta li tappartjeni) ghal grupp ta' persuni, li juru l-generu,*

[2] Emfazi tal-Qorti

*identità tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini nazzjonali jew etnika, età, dizabilità, cittadinanza, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra; jew*

*(b)ir-reat ikun motivat, ghal kollox jew b'mod parzjali, minn ostilità, stmerrija jew disprezz lejn grupp ta' persuni kif imsemmi fil-paragrafu (a).*

Illi referenza qieghda ssir ghal dak li ntqal diversi xhieda fosthom ta' PC906 Elio Gatt u PC680 Stefan Cauchi li t-tnejn li huma kkonfermaw li hekk kif wettaq l-allegat reat l-imputat kien qieghed jirrepeti x-xewqa tieghu sabiex joqtol lill-barranin kollha.

Illi oltre` minn hekk mix-xhieda tal-parte civile Ivan Pavlovikj il-Qorti tista' tidditermina li l-imputat kien jaf li l-istess Ivan Pavlovikj huwa persuna ta' origini nazzjonali mhux Malti stante li gieli wasslu lura d-dar mix-xoghol. Illi kif digà nghad, hareg ukoll mill-istess xhieda li fil-fatt l-imputat kellu dizgwid ma' kollega ta' Ivan Pavlovikj li wkoll huwa barrani. Tali prova tal-origini nazzjonali tal-parte civile (Macedonia) giet ipprezentata in atti.

Illi tali aggravju jirrikjedi intenzjoni tant specifika li difficli l-prosekuzzjoni tkun abbli bizzejjed sabiex tippruvaha. Fil-fatt il-Corte della Cassazione Taljana f'sentenza moghtija fit-12 ta' Lulju tas-sena 2018 bir-referenza numru 32028-18 taghmel enuncjazzjoni tajba ta' dan l-aggravju fejn tghid:

*"La circostanza aggravante della finalita` di discriminazione o di odio etnico, nazionale, razziale o religioso, prevista dall' art 3 d.l. 26 aprile 1993, n. 122, convertito con legge in legge 25 giugno 1993, n. 205, e` configurabile in linea generale, secondo i principi affermati dalla giurisprudenza di legittimita`, in espressioni che rivelino la volonta` di discriminare la vittima in ragione della sua appartenenza etnica o religiosa (Sez. 5, n. 43488 dei 13/07/2015, Maccioni, Rv. 264825). Tanto, come pure precisato dalla Suprema Corte, non ricorre solo allorche` l'espressione riconduca alla manifestazione in un pregiudizio nel senso dell'inferiorita` di una determinate razza; ma anche quando la condotta, per le sue intrinsiche caratteristiche e per il contest in cui si colloca, risulta intenzionalmente diretta a rendere percepibile all'esterno*

*e a sucitare in altri analogo sentimento di odio etnico, e comunque a dar luogo, in futuro o nell'immediato, al concreto pericolo di comportamenti discriminatori (Sez. F, n. 13530 dei 08/02/2017, Zamolo, Rev. 269712)."*

Illi ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-prosekuzzjoni ma rrnexxilhiex tipprova dan l-aggravju li hija wahda specifika hafna fil-ligi. Jibda biex jinghad li l-parte civile Ivan Pavlovikj qatt ma ftakar li ntqal xi kliem dispreggjattiv fil-konfront tieghu mill-imputat. Din il-Qorti tosserva wkoll li sabiex dan l-aggravju jissusisti, l-imgiba tal-imputat trid tkun wahda li tohloq periklu tant reali lil dawk in-nies li jkun kellem. Oltre` minn hekk irid jinghad li meta l-parte civile Ivan Pavlovikj gie mistoqsi jekk qattx kellu dizgwid mal-imputat, l-istess parte civile wiegeb fin-negattiv u ghalhekk li kieku l-imputat kellu pregudizzju razzjali jew kontra xi nazzjonalità kieku kien jurih precedentement.

Illi din il-Qorti ghalhekk mhix ser tapplika ghalhekk il-provvediment li jinsab fl-Artikolu 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk mhux ser tigi riflessa fil-piena.

## Offiza involontarja fuq PC906 Elio Gatt

Illi x-xhud krucjali li seta' jaghti dawl fuq din l-akkuza kien PC906 Elio Gatt. Ma hemmx dubju li tali xhud garrab griehi ta' natura hafifa, dan anke in vista tax-xhieda moghtija mit-tabib li nvistah a fol. 119 tal-atti processwali. Din il-Qorti però ezaminat ix-xhieda moghtija minn PC906 Elio Gatt u fil-fatt irrizultalha li ma hemmx certezza ghal kif graw il-griehi u cioè jekk sar b'mod volontarju jew xort'ohra.

Illi xhud iehor li kkonferma tali incertezza dwar din l-allegazzjoni huwa PS850 Stephen Micallef li jghid hekk:

> *"... Emm li naf li kien hemm PC906 illi wegga' pero ` mill-, mill-ewwel anka PC906 qal li ma kienx, li ma hebbx ghalih jew hekk e John Grima. E dan fethulu l-bieba biex johorgux u mid-dehra kein ha jipprova jirriversja u habat mal-bieba jigifieri allright kawza tal-incident waqt il-qadi ta' dmirijietu pero ` mhux ghax hebb ghalih."*

Illi jinghad li zgur u mhux forsi, l-evidenza awdjoviziva kienet necessarja sabiex tinghata stampa cara ta' din il-parti tal-incident u ghalhekk in mankanza ta' dan tali akkuza ma tistax tigi ppruvata lil hinn minn kull dubju. Ghalhekk din il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

## Is-sewqan taht l-influenza tal-alkohol

Illi referenza qieghda ssir ghall-ircevuta esebita a fol. 101 tal-atti processwali liema rcevuta turi r-rizultat finali meta l-imputat gie soggettat ghat-test tal-breathalyser. Il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 15I (1)(a)(i) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> *"il-limitu preskritt" tfisser skont kif il-każ ikun jehtieg:*
>
> *(a) dwar sewqan jew tentattiv ta' sewqan tal-vetturi kollha hlief ghal dawk imsemmija fil-paragrafi (b), (c) jew(d):*
>
> *(i) 22 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs;"*

Illi fil-fatt ir-rizultat tat-test tal-breathalyser kien dak ta’ 104.7 mikrogrammi ta’ alkohol liema rizultat jaqbez ferm sew il-limitu preskritt mil-ligi hawn citat. Ix-xhud PS850 Stephen Micallef a fol. 33 tal-atti processwali kkonferma li l-imputat gie moghti d-drittijiet tieghu filwaqt li gie kkonferma wkoll il-firma tal-istess imputat fuq l-ircevuta esebita. Tali provi gew ikkontestati mid-difiza fit-trattazzjoni orali u dan stante li tqajmet l-inammissibilità ta’ tali test.

Illi hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Matthew Vella** (deciza fit-28 ta’ Gunju tas-sena 2017). Tali sentenza tiffoka fuq it-tehid tat-test tal-breathalyser u l-procedura adegwata sabiex tittiehed tali test fejn inghad:

> *“26. Din il-Qorti diversament preseduta, fl-appell fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Raymond Grech Marguerat deciza nhar it-28 ta’ Gunju 2017 iddecidiet li*
>
> > *Illi l-Qorti tqies illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs ghandha tigi spjegata*

*car u tond. Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresuponi l- htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attenta doppjament meta jinghata l-caution f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghata d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha. Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta' "criminal charge" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija (ara Alexander Zaichenko vs Russia - 18/02/2010): "The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. 'Charge' for the purposes of article 6(1) may*

*be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."*

*Dan ifisser allura illi mill-mument ta' l-arrest ta' l-appellat meta ittiehed mill-post tal-incident lejn l-ghassa tal-pulizija huwa kellu jigi moghti l-jedd jikkonsulta ma' l-avukat tal-fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghat-test tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel, iktar u iktar meta kollox kien qed jindika illi l-appellat ma kienx qed jifhem dak li kien qed jinghad lilu. Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti issib illi ma tistax taqleb id-decizjoni liberatorja moghtija mill-Ewwel Qorti.*

*27. Illi x-xenarju mahluq minn din il-Liġi huwa wiehed kumpless. Kwistjoni dwar id-dritt tal assistenza legali apparti, jekk is-sewwieq jaghżel li joqghod ghal test tan-*

*nifs, huwa jkun jista' jkun qieghed jaghmel azzjoni li r-rizultat taghha bis-sahha tal-Ligi innifisha jkun jista' jittiehed bi prova kontra tieghu fi proceduri kriminali. Mill-banda l-ohra jekk is-sewwieq jagħżel li jirrifjuta li jaghmel it-test tan-nifs, jew li jaghti kampjun meta mitlub, ikun qieghed, ghall-dan ir-rifjut tieghu, jigi meqjuz li jikkommetti reat kriminali. Apparti li johloq prezunzjoni iuris tantum li l-proporzjon ta' alkohol fid-demm ta' dik il-persuna ikun izjed mil-limitu preskritt.*

*28. F' dan ix-xenarju kumpless din il-Qorti taqbel ma' dak imsemmi fl-appell Grech Marguerat dwar il-htiega tat-twissija da parti tal-Pulizija jew Ufficjal tal-Komunita lis-sewwieq ghad-dritt tal-assistenza legali qabel ma huwa jigi mitlub li jaghti kampjun tan-nifs jew kampjun ghall-analizi.*

*. . . . omissis ...*

*<u>30. Galadarba ma hemmx prova li qabel ma ġie maghmul it-test tal-breathalyser VELLA kien gie moghti d-dritt li</u>*

*jikkonsulta ma avukat u galadarba ma hemm ebda prova dokumentarja jew prova ohra relattiva ghall-fatt jekk dan avalixxiex minn dan id-dritt jew le, din il-Qorti ma tistax tqis li jkun safe and satisfactory li tistrieh fuq il-konkluzjoni ta' test tal-breathalyser maghmul mill-appellant f'dan ix-xenarju probatorju."*

Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li ma ngabitx il-prova necessarja mill-prosekuzzjoni biex turi li l-imputat inghata d-drittijiet tieghu biex jikkonsulta l-avukat tieghu qabel ma ttiehed it-test tal-breathalyser. Ghalhekk din il-Qorti sejra tiskarta tali test u tiddikjarah bhala prova inammissibbli u b'hekk sejra tillibera lill-imputat mill-hames (5) akkuza kif dedotta kontrih.

Il-Hsara Materjali

Illi anke hawnhekk il-prosekuzzjoni naqset milli tipproduci l-ahjar prova. Referenza qieghda ssir ghal dak li ntqal fix-xhieda ta' Michelle Fenech inrapprezentanza tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan. Hawnhekk ix-xhud kjarament ikkonfermat li l-Kunsill Lokali ma

kellux rekord tal-hsarat li allegatament saru filwaqt li ma kellhomx stimi ta' dawn l-allegati hsarat.

Illi referenza qieghda ssir ukoll ghall-*proviso* tal-Artikolu 328 (d):

> *"Izda fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafu (d), hlief meta l-hsara tkun kagunata fi proprjetà pubblika, hlief vettura bil-mutur, jistghu jittiehdu procedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiża.*"

Illi la l-parti offiza u cioè l-Kunsill Lokali ta' San Giljan ma pprovdiet ebda provi dwar l-allegati hsarat, il-Qorti hija kostretta li tillibera lill-akkuzat mis-seba' (7) imputazzjoni.

**<u>Akkuza taht l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65</u>**

Illi a rigward il-licenzja tal-vettura li kien qed juza l-imputat il-prosekuzzjoni ressqet rapprezentant tat-Transport Malta li pprezentat dokument immarkat bhala Dok. VC1 a fol. 98 tal-atti processwali fejn din il-vettura kienet debitament licenzjata dakinhar tal-incident. Illi però jinghad illi a rigward sewqan

traskurat, bla kont u perikoluz dawn l-elementi jikkonkorru kollha tenut kont tal-fatt illi bis-sewqan tieghu l-imputat dahhal lill-parte civile kif ukoll xi nies li kienu qeghdin fil-lok tal-incident f'periklu car u manifest tant illi li kieku ma kienx hemm il-barriera kien ikun incident tragiku certament. Illi dan maghdud mal-fatt illi certament l-imputat kien xurban ghaliex anke jekk din il-Qorti skartat il-breathyliser test  a rigward is-sewqan taht l-influwenza tax-xorb peress li ma nghatax taht id-debiti kawteli, xorta jibqa' prova cirkostanzjali li turi l-istat fiziku tal-imputat.

<u>**Ingurji jew theddid kontra ufficjal pubbliku**</u>

Illi din il-Qorti tinnota li l-imputat ma gab ebda difiza ghal din l-imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti sejra tistrieh fuq dak li ntqal mix-xhud PC Mark Cremona a fol. 93 u 94 tal-atti processwali:

> *"… E f' daqqa u l-hin smajt storbju gej mill-bitha tal-Ghassa ta' San Giljan fejn e mort sabiex inkellem lill-akkuzat li qed naghraf hawnhekk gewwa l-awla u dak il-hin e beda jinsulentani bil-kliem ta' "pufta" u, u "kurnut" quddiem e shabi l-Pulizija."*

Illi oltre minn hekk din il-Qorti thoss li l-kliem li jintqal zgur jistghu jigu kklassifikati bhala kliem ta' ingurji. Ghalhekk il-Qorti sejra ssib lill-imputat hati fuq din l-imputazzjoni.

Illi l-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "*Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min –*
>
> > *(dd). b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.*"

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha okkazjoni temfasizza f'diversi sentenzi taghha b'mod partikolari fis-sentenza bl-ismijiet **Pulizija vs Monica Polidano** (AK per Imhallef Vincent Degaetano deciza 25/06/2001 fejn intqal li:-

> "*bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-Artikolu 338 tal-Kap 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba*

*ccirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l- inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

*Fi kliem iehor, wiehed irid jara fil-kaz konkret jekk dak li sar kienx inevitabbli tenut kont tac-cirkostanzi kollha talkaz. Hu evidenti, per ezempju, li persuna li tigi aggredita u li tkun fil-fatt qed tiddefendi ruhha (mhux semplicement tirritalja ghal offiza fuq il-persuna li tkun diga saritilha) necessarjament ser tagixxi b'mod li tnissel f'mohh persuna ohra dak l-inkwiet jew thassib aktar 'l fuq imsemmi. Pero` l-agir ta' dik il- persuna jkun, f'dawk ic-cirkostanzi, inevitabbli, u ghalhekk ma jistax jammonta ghal breach of the peace. L-istess ikun il-kaz jekk persuna tingurja animus retorquendi fil-limiti tal-Artikolu 339(1) taht imsemmi - ikun kontrosens li wiehed jghid li dik l-ingurja ma tammontax ghal reat pero` l-fatt fih innifsu jammonta ghal reat iehor (taht l-Art. 338(dd)).*"

Minn dan jidher car li l-kliem tal-ligi jrid ikopri kull "disturbance to the peace and good order" sija jekk dan ikun gej minn ghajjat biss kif ukoll minn glied jew kolluttazzjoni fizika jew it-tnejn f'daqqa jew minn xi manifestazzjoni ohra. Mhux xi rekwizit tassattiv li dawn iz-zewg elementi jridu jikkonkorru f'daqqa u jista' jkollok wahda jew l-ohra jew xi manifestazzjoni ohra esterna li twassal ghad-disturb tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku.

Illi ugwalment u kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil** (dec 23/06/1994):

> *"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata flartikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba ccirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l- akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minnhabba lpossibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-eghmil" u "dan ir-reat*

*javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace."*

Illi wara analizi retta ta' dawn is-sentenzi citati, flimkien mal-provi li ghandha quddiemha kif ukoll ta' dak li ntqal minn diversi xhieda li xehdu dwar l-incident, hija l-fehma ta' din il-Qorti li bl-agir tieghu l-imputat kiser il-bon ordni u l-paci pubbliku. F'dan il-kaz jirrizultaw l-ingredjenti mehtiega biex tinstab htija ghal din il-kontravvenzjoni. L-istess ma jistax jinghad ghal kontravenzjonijiet kif sanciti taht l-Artikolu 338 (ee) u l-Artikolu 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

__Recidiva__

Illi a rigward l-addebitu tar-recidiva jinghad illi din giet ippruvata permezz ta' sentenza pprezentata u mmarkata Dok. SCT1 liema sentenza kienet giet ikkonfermata li saret *res judicata*. Referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 49 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

*"Dokument għandu jitqies li hu debitament awtentikat jekk waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin tapplika:*

*(a) jekk jidher li hu ffirmat minn imħallef, maġistrat jew uffiċjal tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza; jew*

*(b) jekk jidher li hu ċċertifikat mill-Ministeru, dipartiment jew awtorità oħra responsabbli għall-ġustizzja jew għall-affarijiet barranin tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza, sew jekk ikun b'siġill u sew jekk le; jew*

***(ċ) jekk jidher li hu awtentikat b'ġurament, stqarrija jew affermazzjoni ta' xhud.***[3] *"*

Illi ghalhekk l-argument tad-difiza li din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata ma jregix stante x-xhieda moghtija minn Stephania Calafato Testa a fol. 205 tal-atti processwali.

[3] Emfazi tal-Qorti

Illi referenza qieghda ssir ghas-sentenza esebita mill-istess xhud a fol. 208 tal-atti processwali fejn din il-Qorti kif diversement preseduta ddecidiet hekk:

> *"Timmultah multa ta' €200.00 liema multa ghandha tithallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €50.00 fix-xahar, l-ewwel pagament ghandu jsir fil-1 ta' Mejju 2019, b' dan illi jekk ma jsirx il-hlas ta' xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali hlas, il-bilanc ta'l-ammont dovut ghandu jkun awtomatikament konvertibbli fi prigunerija minghajr il-htiega ta' ebda att gudizzjarju iehor"*

Illi a fol. 209 tal-atti processwali gie kkonfermat li ma sar ebda pagament minn mindu l-ghotja ta' din is-sentenza tal-imputat. Ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tiehu qies ta' dan il-fatt fil-piena li sejra taghti.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 95, 214, 215, 216, u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta , qed issib lill-imputat **John Grima** hati tat-tieni (2) akkuza kif dedotta kontrih kif ukoll tar-raba' (4), is-sitt (6) u d-disa' (9) akkuza (li hija assorbita fit-tieni (2) akkuza) filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1), mit-tielet (3), mill-hames (5), mis-seba' (7), mit-tmien (8) u mill-ghaxar (10) akkuzi stante li ma gewx ippruvati u ghaldaqstant a rigward it-tieni (2), ir-raba' (4) u d-disa' (9) akkuzi qed tikkunndannah ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin u a rigward tas-sitt (6) akkuza tikkundannah ghal multa' ta' elf ewro (€1,000) u ghar-raba' akkuza tikkundannah ghal multa ta' erbat elef ewro (€4,000) li dawn iz-zewg somom ghandhom jigu mhallsa fi zmien sena (1) mil-lum.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat qed jigi skwalifikat milli jsuq ghal zmien hames (5) xhur mid-data li din is-sentenza tigi definittiva.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat John Grima l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**